A.L. 94 ta' l-1994

ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Żmien ta' Taxxa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 u ta' l-artikolu 61 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Żmien ta' Taxxa).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Settembru, 1994.

Tifsir.

2. Espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, l-istess tifsira lilhom mogħtija fl-Att.

Applikazzjoni għal żmien ta' taxxa ta' tnax-il xahar.

3. Persuna taxxabbli li d-dħul tagħha, kif stabbilit skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti, ma jkunx ta' aktar minn tnax-il elf lira fis-sena, tista' tapplika għand il-Kummissarju fuq il-formola li tinsab preskritta fl-Iskeda li hemm ma' dawn ir-regolamenti.

Kif jiġi stabbilit id-dħul.

4. (1) Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-regolament, id-dħul ta' persuna li tagħmel applikazzjoni skond ir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti għandu jkun il-valur ta' provvisti li għalihom jirreferi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att li jsiru minnu matul is-sena finanzjarja (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msemmija bħala "s-sena bażi") li tintemm fis-sena kalendarja li tiġi minnufih qabel is-sena li matulha ssir l-applikazzjoni.

(2) Meta s-sena bażi tintemm f'sena li tiġi qabel l-1995, ir-riferenza f'dan ir-regolament għall-valur ta' provvisti magħmulin minn dik il-persuna matul dik is-sena għandha titqies bħala riferenza għall-valur ta' kull bejgħ magħmul minn dik il-persuna matul dik is-sena skond ma jirriżulta mill-konteġġi li dik il-persuna iżżomm.

(3) Meta persuna ma tkun ġestiet ebda attività ekonomika matul xi żmien fis-sena bażi, id-dħul ta' dik il-persuna jkun il-valur ta' provvisti li għalihom is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att jirreferi li dik il-persuna hi mistennija li tagħmel għal żmien tnax-il xahar li jibdew għaddejjin mid-data meta ssir l-applikazzjoni.

(4) Meta persuna tkun ġestiet attività ekonomika biss matul xi żmien fis-sena bażi, id-dħul għandu jiġi stabbilit billi jiġi moltiplikat il-valur ta' kull bejgħ magħmul matul iż-żmien meta tkun twettqet l-attività ekonomika bi tnax u billi r-riżultat jiġi diviż bl-għadd ta' xhur sħaħ inklużi f'dak iż-żmien.

(5) Meta il-Kummissarju jkollu għaliex jaħseb li l-valur taxxabbli ta' provvisti li għalihom jirreferi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att, magħmulin minn persuna matul is-sena li fiha ssir l-applikazzjoni jew matul it-tnax-il xahar li jiġi wara d-data meta tkun saret l-applikazzjoni, hu ta' iktar jew x'aktarx ikun ta' iktar minn tnax-il elf lira, id-dħul ta' dik il-persuna għandu jiġi stmat bħala li jeċċedi dak l-ammont.

(6) Għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu il-valur ta' provvisti jew ta' kull bejgħ magħmul minn persuna ma għandux jinkludi l-valur ta' transazzjonijiet li jintwerew għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li jkunu ta' xorta straordinarja.

Kif jiġi stabbilit żmien ta' taxxa ta' tnax-il xahar.

5. Meta, wara li tkun saret applikazzjoni skond ir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, il-Kummissarju jkun sodisfatt li d-dħul ta' min japplika jkun inqas minn tnax-il elf lira, il-Kummissarju għandu javża lill-applikant skond hekk u minn dik id-data li tista' tiġi speċifikata fl-avviż imsemmi, iż-żmien ta' taxxa ta' dak l-applikant jkun żmien ta' tnax-il xahar.

Applikazzjoni għal żmien ta' taxxa ta' xahar.

6. (1) Meta l-Kummissarju jkun sodisfatt illi il-kreditu għal *input tax* li persuna taxxabbli x'aktarx ikollha dritt għalih għal kull wieħed minn erba' żminijiet ta' taxxa li jiġu wara xulxin ikun iktar mill-*output tax* għall-imsemmija żminijiet ta' taxxa, il-Kummissarju jista', fuq talba magħmula skond dan ir-regolament, jistabbilixxi b'avviż bil-miktub, li ż-żmien ta' taxxa ta' l-applikant minn dik id-data kif tista' tiġi speċifikata f'dak l-avviż, ikun għal żmien xahar.

(2) L-erba' żminijiet ta' taxxa li jiġu wara xulxin li għalihom jirreferi il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, għandhom ikunu erba' żminijiet ta' taxxa wara xulxin li jibdew b'dak iż-żmien ta' taxxa li jiġi minnufih wara dak li matulu tkun saret applikazzjoni għall-għanijiet ta' dan ir-regolament.

(3) Applikazzjoni li ssir għall-għan ta' dan ir-regolament għandha ssir fuq il-formula preskritta fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u għandu jkun fiha t-tagħrif kollu meħtieġ fl-imsemmija formula.

(4) L-avviż imsemmi fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandu jintbagħat lill-applikant.

Revoka.

7. Il-Kummissarju jista', fil-każijiet speċifikati f'dan il-paragrafu, jirrevoka avviż mogħti skond ir-regolament 5 jew 6 ta' dawn ir-regolamenti permezz ta' avviż ieħor, u mid-data li tiġi hekk speċifikata f'dak l-avviż ieħor iż-żmien ta' taxxa ta' dik il-persuna jkun żmien ta' tliet xhur.

(2) Revoka msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament tista' ssir:

(a) meta, f'xi żmien, il-Kummissarju jkollu għaliex jaħseb li kien hemm jew x'aktarx ikun hemm tibdil materjali fiċ-ċirkostanzi li fuqhom tkun ġiet milqugħa applikazzjoni;

(b) meta jirriżulta lill-Kummissarju li xi tagħrif mogħti minn persuna li jkun rilevanti sabiex jiġi stabbilit id-dħul tiegħu ma kienx korrett;

(ċ) fuq talba tal-persuna taxxabbli li jkun ingħatalha avviż skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 5 jew 6 ta' dawn ir-regolamenti.

Talba għal dokumentazzjoni u tagħrif.

8. Il-Kummissarju jista' jitlob lil persuna li tagħmel applikazzjoni bl-għan ta' dawn ir-regolamenti li ġġib dik id-dokumentazzjoni u dak it-tagħrif li jista' jidhirlu meħtieġa biex ikun jista' jivverifika jekk dawn ir-regolamenti jgħoddux jew le għal dik il-persuna.

B 572

L-EWWEL SKEDA

(Applikazzjoni)

Regolament 3

DIPARTIMENT TAT-TAXXA
FUQ IL-VALUR MIZJUD
V.A.T. DEPARTMENT
Centre Point Building,
Ta' Paris Road, Birkirkara BKR 13

APPLIKAZZJONI GHAL REGISTRAZZJONI
APPLICATION FOR REGISTRATION
Skond Sezzjoni 12 ta' l-Att tal-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, 1994
In terms of Section 12 of the Value Added Tax Act, 994

Ghadd
Serial No.

Kodici tat-Triq
Street Code

TAGHRIF DWAR L-INDIRIZZ TA' L-APPLIKANT U TAN-NEGOZJU — ***APPLICANT AND BUSINESS ADDRESSING DETAILS***

1 **Isem shih ta' l-Applikant**
Full name of Applicant

2 **Nru. tal-Karta ta'l-Identita'**
I.D. Card No.

3 **Nru. tal-Kumpanija**
Company No.

4 **Isem tan-Negozju**
Trade Name

5 **Nru. tat-Taxxa tad-Dhul**
IR Tax No.

6 **INDIRIZZ TAN-NEGOZJU**
BUSINESS ADDRESS

Nru. tat-Telefon
Telephone No.

Nru. tal-FAX
FAX No.

Nru. tal-bieb
Door No.

Isem tal-Post
Building Name

Triq:
Street:
(ITTRI KBAR) *(BLOCK LETTERS)*

Lokalita':
Locality:
(ITTRI KBAR) *(BLOCK LETTERS)*

Kodici Postali:
Post Code:

7 **INDIRIZZ POSTALI**
(jekk differenti minn hawn fuq)
MAILING ADDRESS
(if different from above)

Nru. tat-Telefon
Telephone No.

Nru. tal-FAX
FAX No.

Nru. tal-bieb
Door No.

Isem tal-Post
Building Name


Triq:
Street:
(ITTRI KBAR) *(BLOCK LETTERS)*

Lokalita':
Locality:
(ITTRI KBAR) *(BLOCK LETTERS)*

Kodici Postali:
Post Code:

MINISTERU TAL-FINANZI — ***MINISTRY OF FINANCE***

VAT Form GOL/94



TAGHRIF DWAR IN-NEGOZJU — BUSINESS DETAILS

8 Xorta ta' Negozju / Type of Business — Sid Uniku / Sole Proprietor; Kumpanija b'responsabbilta' limitata / Ltd. Liability Co.; Socjeta' / Partnership — Nru. ta' Socji / No. of Partners; Ohrajn / Other — Aghti dettalji / Specify

9 Attivita' Ekonomika Principali / Main Economic Activity

Numru ta' Fergħat / Number of Branches

10 Int Esportatur? / Are you an exporter? — Iva / Yes; Le / No

11 Int Importatur? / Are you an importer? — Iva / Yes; Le / No

12 Nru. tal-Licenzja tan-Negozju / Trader's Licence No.

13 Meta beda n-Negozju / Business Start Date — Jum / Day; Xahar / Month; Sena / Year

14 Bidu tan-Negozju ta' Provvisti mhux Ezentati / Non-Exempt Supplies Start Date — Jum / Day; Xahar / Month; Sena / Year

15 Tmiem Sena Finanzjarja / End of Financial Year — Xahar / Month

16 Total ta' Bejgh / Sales Turnover — Jannar/Dicembru tas-sena l-ohra / January to December last year — Lm; Stima ta' bejgh ghas-sena li gejja / Estimated turnover for this year — Lm

TAGHRIF IEHOR — OTHER INFORMATION

17 Numru ta' Impjegati / Number of Employees — Total / Total

18 Il-Kuntegg tieghek huwa bil-kompjuter? / Is your accounting system computerised? — Iva / Yes; Le / No

19 Ghandek bzonn xi ghajnuna/pariri? / Do you require advisory assistance? — Iva / Yes; Le / No

20 Kif tixtieq tircievi l-korrispondenza / Would you like to receive future correspondence in — Bl-Ingliz? / English?; Bil-Malti? / Maltese?

21 DIKJARAZZJONI — DECLARATION

Jiena, / I, _____
(Isem b'ITTRI KBAR) (Full Name in BLOCK LETTERS)

niddikjara li t-taghrif kollu moghti hawn fuq huwa tajjeb u shih.
declare that all the entered details and information are correct and complete.

Firma: / Signature: _____ Kariga: / Designation: _____ Data: / Date: / /

Ghall-uzu Ufficjali — For Office Use Only

Information — Complete; Incomplete

Application — Accepted; Refused

Remarks

First Return — Day; Month; Year

Period Length

Trade Code

Reg. Type

Reg. Date — Day; Month; Year

M/L

Vetted By

VAT Registration No. _____ - _____

Category

Entered By

Date — Day; Month

IT-TIENI SKEDA

(Applikazzjoni għal żmien ta' taxxa ta' xahar)

Regolament 6

Commissioner of Value Added Tax
VAT Department
Centre Point Building
Ta' Paris Road
B'Kara BKR13

DIPARTIMENT TAT-TAXXA
FUQ IL-VALUR MIZJUD
V.A.T. DEPARTMENT

APPLIKAZZJONI GHAL
PERJODU TA' TAXXA TA' XAHAR

APPLICATION FOR ONE-MONTH TAX PERIOD

Nru. Reg. tal-VAT:
VAT Registration No:

DETTALJI DWAR L-APPLIKANT — ***PARTICULARS OF APPLICANT***

1 Isem shih ta' l-Applikant / *Full name of Applicant*

2 Nru. tal-Karta ta' l-identita' / *I.D. Card No.* — tal-persuna responsabbli / *of person responsible*

3 Isem tan-Negozju / *Trade Name*

DIKJARAZZJONI — ***DECLARATION***

Niddikjara illi l-kreditu ghall- *input tax* li ghandi/ghandha id-ditta tieghi dritt ghalih ghall-erba' zminijiet ta' taxxa wara
I declare that my/the firm's entitlement to credit for input tax for the next four consecutive tax periods is likely to

xulxin li jmiss x'aktarx ikun izjed mill-*output tax.* Ghaldaqstant qed nitlob, skond ir-regolament 6 tar-Regolamenti tal-1994,
exceed output tax. A tax period of one month is therefore being requested in terms of regulation 6 of the Value Added

dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Zmien ta' Taxxa), liz-zmien ta' taxxa jkun ghal wiehed ta' xahar.
Tax (Tax Period) Regulations, 1994.

Firma: _____ Kariga: _____ Data: / /
Signature: (tal-persuna responsabbli / *of person responsible*) *Designation:* (tal-persuna responsabbli / *of person responsible*) *Date:*